MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.

Seduta ta' 17 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1293/1994/2

**Giacomo maghruf bhala Jimmy Ciantar u Joseph Ciantar ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija White Brothers Limited**
**Vs**
**Carmelina Degiorgio**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li gie pprezentat fis-7 ta’ Ottubru 1994 fejn gie premess:

Illi fl-10 ta’ Settembru 1993 ghall-habta tal-12.15 p.m. il-konvenuta Carmelina Degiorgio waqt li kienet qed issuq il-karozza Austin 1100 numru G-9591 propjeta` ta’ Vincent Degiorgio fil-By Pass li mill-Imriehel taghti ghal Hal Qormi, bi traskuragni, negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, kif waslet fl-intersection ta’ l-imsemmija By Pass naqset li tieqaf quddiem *“Stop Sign”*

Illi bhala rizultat ta' dan kien hemm kollizjoni mat-truck Atkinson numru V-1223 propjeta` ta' l-atturi u kkagunatlu danni konsistenti f'spare parts, freight charges, xoghol, spray, panel beating u loss of use ammontanti ghal elfejn u tletin lira Maltin (Lm2030) skond l-invoice hawn mehmuza u mmarkata Dok A;

Talbu ghalhekk l-atturi *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi *nomine* bhala konsegwenza ta' l-incident stradali fuq imsemmi ta' l-10 ta' Settembru 1993;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi *nomine* rizultat ta' l-incident stradali fuq deskritt;

3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi *nomine* s-somma likwidata fit-tieni talba bl-imghax dovut;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta mharrka ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-atturi *nomine*, il-lista tax-xhieda minnhom indikati, u l-elenku tad-dokumenti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tat-23 ta' Jannar 1995 tal-konvenuta fejn gie eccepit:

1. Illi l-ewwel talba ghandha tigi michuda stante li l-incident ma garax htija taghha izda tort ta' l-attur Giacomo sive Jimmy Ciantar li kien isuq it-trakk Atkinson numru V-1223;

2. Illi t-tieni talba ghandha ghalhekk tkun respinta billi m''hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi *nomine*;

3. Illi isegwi li anke t-tielet talba attrici ghandha tkun rigettata billi l-konvenuta m'ghandhiex tkun ikkundannata thallas danni lill-atturi nomine;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat ir-relazzjonjiet tal-perit legali Dr. Irene Bonello u tal-periti addizzjonali Dr. Joseph Galea Debono, Dr. Simon Micallef Stafrace, u Dr. Mark Chetcuti;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Rat in-noti ta’ riferenzi tal-kontendenti;

Ikkunsidrat:-

Illi l-incident in kwistjoni gara fl-10 ta’ Settembru 1993 f’Notabile Rd, Attard, bejn it-trakk Atkinson V-1223 misjuq minn Giacomo Ciantar sejjer fid-direzzjoni tal-Marsa u l-vettura Austin 1100 B-9591 misjuqa mill-konvenuta lli kienet sejra ghal H’Attard. Jirrizulta li l-incident sehh vicin fejn illum hemm l-Ufficcju tal-Malta Financial Services Corporation, propju fit-tarf tal-Hamrun/Qormi By-Pass hekk fejn din iggongi mat-triq l-antika li mill-Hamrun taghti ghal H’Attard. Il-konvenuta kienet ser taqsam min-naha tat-triq l-antika li ggib traffiku mill-Hamrun u l-Imriehel, biex tkompli sejra lejn H’Attard;

<u>Verzjoni ta’ l-attur:</u>

Illi l-attur xehed li kien qed isuq mid-direzzjoni tar-Rabat sejjer lejn B’Kara u kien ghadu kif qabez l-Ambaxxata Libjana. Kellu trailer warajh. *“Kont fuq il-karreggjata ta’ gewwa, waqt li kont niezel rajt lill-konvenuta issuq fi Triq Notabile Road, Mriehel, cio’e t-triq li kienet fuq ix-xellug tieghi. Rajtha tnaqqas bil-mod. Kif wasalt biex naqbad is-centre strip fejn kienet il-konvenuta rajt li l-karozza taghha*

*ma waqfitx fuq l-istop u baqghet hierga bil-mod. Ghalhekk zammejt il-brake u gbidt lejn il-lemin biex nevita l-incident."* Izda il-habta xorta saret;

Illi kontro-ezaminat huwa qal li jahseb li meta l-konvenuta qorbot l-iSTOP sign kien boghod minnha xi zewg metri. Il-brake ghafsu meta kien f'dan il-boghod ta' zewg metri, u kiser lejn il-lemin. Dwar l-ispeed qal li "*Jien cert li speed kelli xi 35mfs."*

Verzjoni tal-konvenuta:

Illi l-konvenuta xehdet li dak in-nhar ta' l-incident hija kienet gejja mill-Hamrun, u ghaddiet Notabile Rd biex tmur fid-direzzjoni ta' Attard. Taf li waqfet fejn hemm l-iSTOP sign izda ma tiftakarx izjed x'gara peress li kienet intilfet minn sensiha u stenbhet l-isptar. Il-mara li kienet maghha u t-tarbija taghha ukoll korrew fl-incident;

Skizz:

Illi kif jidher mill-iskizz, kien hemm STOP sign minn fejn kienet hierga l-konvenuta. Il-periti addizzjonali spjegaw li dan kien propju bejn is-*centre strip* u t-*traffic island* fejn il-vetturi li jkunu waslu biex mit-Triq li ggib mill-Imriehel, jaqsmu l-By-Pass minn gol-fetha li hemm fis-centre strip ghall-karreggjata li hemm fuq in-naha l-ohra li tiehu t-traffiku lejn H'Attard;

Illi jidher ukoll li l-vettura tal-konvenuta spiccat imdawra b'tali mod li giet thares lura minn fejn suppost kienet hierga. It-trakk spicca angolat diagonalment lejn il-lemin bi ftit aktar min-nofs il-wisgha u t-tul tieghu jinvadi l-karreggjata opposta. Il-brake marks indikati huma ta' 14 metru;

Responsabbilita' o meno tal-konvenuta:

Illi il-kaz in kwistjoni si tratta ta’ kolilzjoni f’T-Junction. It-trakk misjuq mill-attur kellu ir-*right of way* peress li kien ghaddej mit-triq principali. Sewwieqa hiergin minn *side-road*, bhalma kienet il-konvenuta ghandhom l-obbligu li jesploraw it-traffiku ghaddej mit-triq principali sew qabel ma johorgu ghal fuqha. Il-grad ta’ diligenza u prudenza rikjest minn *side road users* huwa ferm ikbar minn dak rikjest minn *principal road users*. Huma ghandhom jaccertaw ruhhom li l-manuvra taghhom ghal got-triq principali mhix ser tostakola l-*flow of traffic*. Ghandhom jaqsmu ghal got-triq principali biss meta jaraw li din hi libera u minghajr ma jiehdu ebda riskju;

Illi fil-kaz in kwistjoni il-konvenuta xehdet li hija waqfet fuq l-iSTOP sign, pero ma tiftakar xejn izjed minhabba li intilfet minn sensiha. Kif osservaw il-periti addizzjonali, il-vettura tal-konvenuta spiccat kollha kemm hi b’tulha kollu fuq il-karreggjata li minnha kien ghaddej it-trakk, ghalhekk f’xi hin wara li waqfet fuq l-iSTOP sign (jekk, waqfet, ghax is-sewwieq tat-trakk jghid li hija naqqset u mhux waqfet) bilfors li hija regghet bdiet hierga biex tittraversa l-ewwel karreggjata tat-triq principali u b’hekk holqot ostaklu ghas-sewwieq tat-trakk. Ta’ min jghid li kif jidher mill-iskizz il-konvenuta kellha vizwali tajba u mhux interrotta ghal tul konsiderevoli  u ghalhekk mhux il-kaz li ma setghetx tara t-trakk gej minn distanza konsiderevoli. Di piu, kif jidher mir-ritratt (fol 54) it-trakk huwa ta’ kulur isfar kanarin, u allura suppost li kien vizibbli sew. L-interpretazzjoni tal-periti addizzjonali hi li l-konvenuta jew ma ratux ghax ma esploratx it-triq sew; jew inkella minkejja li rat lit-trakk gej, ikkalkulat hazin li setghet tohrog u tilhaq tghaddi minn quddiemu;

Illi mhemmx dubju li l-konvenuta hija responsabbli ghall incident in kwistjoni peress li ma rrispettatx ir-*right of way* tas-sewwieq tat-trakk u holqitlu emergenza subitanja;

<u>Reponsabbilta’ o meno ta’ Giacomo Ciantar:</u>

Illi l-konvenuta eccepiet li s-sewwieq tat-trakk kien ghaddej bi speed eccessiv u sperikolat, ghalkemm fix-

xhieda taghha ma tghid xejn dwar dan. L-attur Giacomo Ciantar xehed li kien ghaddej bi speed ta’ madwar 35 mfs;

Illi l-periti addizzjonali irrilevaw li speed ta’ **35mfs** jittraduci ruhu fi speed ta’ madwar **56kfs**. Huma irreferew ghar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur u ghall-Malta Highway Code li jistipulaw li l-velocita’ massima tat-trakk suppost kienet ta’ mhux aktar minn 30 kfs f’”built-up area” u ta’ 40kfs f’zona konsidrata bhala “outside built-up areas”. Fil-kaz in kwistjoni jirrizulta li kien hemm bini max-xellug tat-triq minn fejn kien gej it-trakk u anke bini fil-kantuniera ghalkemm hemm *service road*. Pero fi kwalunkwe kaz, irrilevaw li l-ispeed kien eccessiv anke ghal zona “outside built-up areas”;

Illi l-Qorti, wara li ezaminat il-klazzifikazzjoni tal-vetturi u l-limiti tal-velocitajiet rispettivi taghhom kif elenkati fir-Regolamenti tal-Vetturi bil-Mutur, jidhrilha li t-trakk in kwistjoni ma jaqax taht il-klassifikazzjoni ta’ “Vetturi tal-merkanzija ta’ iktar minn 3 tunellati” kif dehrilhom il-periti, izda trakk bhal dak tal-kaz in kwistjoni, bit-trailer, u b’aktar minn zewg settijiet ta’ roti, ghandu jaqa’ taht il-klassifikazzjoni ta’ “Vetturi industrijali” jew “Vetturi ta’ l-irmunkar”, f’liema kaz il-massimi tal-velocita huma ta’ 20kfs u ta’ 30kfs. Ghalhekk aktar u aktar jista’ jinghad li bi speed ta’ 56kfs, l-attur kien ghaddej bi speed eccessiv hafna;

Illi l-periti ikkalkulaw li kieku t-trakk kien qed jinsaq entro z-zewg massimi regolamentari (30kfs – 40kfs) aktarx li kien jieqaf “short of the point of impact”. Il-Qorti hija konvinta illi kieku kien ghaddej bi speed ta’ bejn 20kfs u 30kfs, il-manuvra tieghu kienet tkun effettiva;

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza Dr. Remigio Zammit Pace *nomine* et vs George Despott 24.02.1997 364/93GV, fejn il-Qorti kienet ikkwotat mis-sentenzi S.Mizzi vs J Grech (23.03.1972) u A Bartolo vs K Micallef (16.02.1973):

*“Il-fatt li sewwieq ikun qed isuq karozza b’velocita eccedenti l-ispeed massimu tar-regolament, jekk dan ma*

*jkunx il-kawza determinanti tal-kollizjoni, huwa m'ghandux jinstab responsabbli lanqas fi grad ta' kontributorja purche' l-ispeed tieghu ma jkunx dak li jista' jissejjah sfrenat."*

Illi l-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi thoss li l-ispeed li bih kien ghaddej it-trakk kien li tista' ssejjahlu sfrenat u allura kien fattur kontributorju ghall-incident. Ghalkemm il-manuvra riskjuza tal-konvenuta ikkagunatlu ostaklu huwa kien f'negligenza antecedenti u allura Ciantar ikkontribwixxa ghall-incident in kwistjoni, ghalkemm fi grad inferjuri minn dak tal-konvenuta;

Illi ghalhekk taqbel mal-konkluzjoni tal-periti addizzjonali li l-htija ghas-sinistru in dizamina ghandu jigi ripartit kwart lis-sewwieq tat-trakk Giacomo Ciantar u tlitt kwarti lill-konvenuta Carmelina Degiorgio;

<u>Danni:</u>

Illi dwar id-danni il-periti addizzjonali irreferew ghall-kont esebit minn White Brothers Ltd li juri li l-ispejjez fir-rigward tat-tiswijiet tat-trakk u fir-rigward tal-loss of use waqt li t-trakk kien ghat-tiswija kienu jammontaw ghal Lm2030. Dan il-kont ma giex ikkontestat u ghalhekk il-Qorti ser toqghod fuqu;

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Talba limitament u tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghal tliet kwarti (¾) tad-danni sofferti mill-atturi *nomine*;

Tilqa' t-Tieni Talba u tillikwida d-danni sofferti mill-atturi *nomine* fl-ammont ta' elfejn u tletin lira Maltija (Lm2030);

Tilqa' t-Tielet Talba limitament fis-sens li tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi *nomine* s-somma ta' elf, hames

mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1522.50).

Tliet kwarti (¾) ta' l-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenuta u kwart (¼) ta' l-ispejjez mill-atturi *nomine.*

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur